MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. VINCENT GALEA

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2014

Talba Numru. 111/2012

**Carmel Said Formosa**

**Vs**

**The Richard Clarke Academy**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fl-14 ta' Frar, 2012** u li permezz taghha talbet lill-intimata thallasha s-somma ta' tlett elef u hames mitt euro [€3,500][1] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Prevja kull dikjarazzjoni opportuna, li l-intimata tiġi kkundannata thallas is-somma ta' €3,500 [tliet elef u hames mitt euro] rappreżentanti ammont prelikwidat jew somma ohra verjuri kif jiddeċiedi dan it-Tribunal, bhala hlas dovut lir-rikorrenti ghall-uzu ta' proprjetà intellettwali

[1] Dan l-ammont gie ridott ghas-somma ta' €3,494.06 skond ma jirrizulta mill-verbal tas-seduta tat-8 ta' Jannar, 2014.

tar-rikorrenti mill-intimata, minghajr il-kunsens tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez, inkluż l-imghax, kontra l-istess intimata li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni”.

Ra **r-risposta tal-intimata** minnha mressqa fid-9 ta’ Marzu, 2012 u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

“Illi t-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jiġu respinti bl-ispejjez kontra r-rikorrenti ghas-segwenti raġunijiet:

1. Illi mhuwiex minnu li l-Akkademja intimata użata xi proprjetà intellettwali tar-rikorrenti minghajr il-kunsens taghha;

2. Illi r-rikorrenti kienet kitbet n-noti ghas-suggett F6 Taxation’ ghas-sezzjoni Dicembru 2008 li kienet tghallem fl-istess Akkademja intimata u ta’ dawn in-noti l-Akkademja intimata qatt ma kellhom ‘soft copy’ stante li r-rikorrenti qatt ma riedet lill-Akkademja intimata tkun il-proprjetarja ta’ dawn in-noti u li ghalhekk kienet tghaddilhom biss ‘hard copy’ jew pdf file ta’ xi kapitli tan-noti u dan meta kienet tghidilhom jaghmlu l-fotokopji ghall-istudenti, però fl-ahhar kienet anke bdiet taghmel il-fotokopji hija stess u ta’ dawn il-photokopji l-Akkademja intimata kienet hallset b’cekk nru 102 datat 19 ta’ Dicembru 2008 lir-rikorrenti s-somma ta’ €236.49 flimkien mas-somma ta’ €2,400 ghall-60 siegha tghallim bir-rata applikabbli ta’ €40 fis-siegha.

3. Illi, hames ġimghat biss qabel ma kellha tibda s-sezzjoni ta’ Gunju 2009, r-rikorrenti kienet infurmat lill-Akkademja intimata li ma setghetx tghallem is-suggett imsemmi ghas-sezzjoni Gunju 2009 minhabba li kienet ma tiflahx. L-Akkademja intimata kien irnexxilha issib ghalliem iehor li rega ghamel in-noti mill-gdid u dan biss f’hames ġimghat. Ghal dawn is-sett ta’ noti ġodda, l-

Akkademja intimata kienet hallset lill-ghalliem il-gdid is-somma ta' €1,200 bil-kondizzjoni li n-noti jiġu proprjetà ta' l-Akkademja intimata kif fil-fatt huwa l-kaz. Ghandu jinghad li dawn in-noti jiġu kompletament riveduti kull sitt xhur minhabba t-tibdiliet regolari fil-ligijiet li ghandhom x'jaqsmu mas-suggett. Meta wiehed iqabbel dawn is-sett ta' noti ġodda ta' Gunju 2009 ma' dawk tar-rikorrenti huwa veru li kien hemm ftit eżempji li kienu l-istess però meta l-akkademja intimata ndunat b'dan mill-ewwel hadet il-passi biex jitnehhew. Naturalment hafna minn noti kellhom kwotazzjonijiet tal-provizzjonijiet tal-ligi u dawn kienu l-istess fiz-zewg tipi ta' noti però żgur li r-rikorrenti ma ghandha ebda dritt intellettwali fuhom fuq dawn il-provizzjonijiet.

4. Illi, r-rikorrenti wara ftit tal-gimghat kienet qed thossha ahjar u talbet li terga tiġi tghallem suġġett iehor fl-istess sezzjoni ta' Gunju 2009 ma kollegi taghha u fil-fatt kienet bdiet tghallem is-suggett P6 Advanced Taxation u waqt dan kollu kienet taf li kien tqabbad ghalliem iehor ghas-suggett F6 li kienet tghallem hija qabel u li kienu saru noti ġodda li ghalihom l-Akkademja intimata kienet hallset u li taghhom kienet il-proprjetarja u b'dan kollu r-rikorrenti kien jidher li ma kellha ebda problema minhabba li f'dak il-perjodu qatt ma qalet xejn lir-rapprezentanti tal-Akkademja intimata;

5. Illi, minghajr preġudizzju ghas-suespost u subordinatament, s-somma ta' €3,500 hija eċċessiva meta r-rikorrenti fl-ittra datata 5 ta' Marzu 2010 annessa u mmarkata bhala Dok RCA 1 kienet talbet biss is-somma ta' €375 bhala pre liquidated damages ghal tlett gruppi ta' studenti.

6. Salv eċċezzjonijiet ohra permessi bil-Ligi".

Ra l-verbal tat-18 ta' Gunju, 2013 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq il-punt sollevat mit-Tribunal dwar in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni o meno tieghu li jiddeċiedi dan il-

kaz u dan in vista ta’ dak li jghid l-artikolu 3(2) tal-Kapitolu 380;

Ra l-verbal tal-lum stess fejn id-difensuri tal-partijiet qablu li tinghata sentenza ukoll fuq il-mertu tal-kawza;

Ra l-atti u semgha t-trattazzjoni;

Ikkunsidra;

1. Illi t-Tribunal qajjem huwa stess il-possibilita li t-Talba odjerna taqa lil hinn mill-gurisdizzjoni tieghu u dan in vista ta’ dak li jinghad fl-artikolu 3 (2) tal-Kapitolu 380. Dan l-artikolu tal-Ligi jaqra hekk:

“(2) Bla ħsara għas-subartikolu (5), it-Tribunal għal Talbiet Żgħar ikollu ġurisdizzjoni biex jisma’ u jaqta’ biss it-talbiet kollha ta’ flus (*money claims*) ta’ ammont ta’ mhux iżjed minn tliet elef u erba’ mija u erbgħa u disgħin euro u sitt ċenteżmi (3,494.06):

Iżda fil-kalkolu tas-somma msemmija f’dan is-subartikolu, ma jitqiesux id-drittijiet u l-ispejjeż li għandhom x’jaqsmu mal-istess talba.

2. Din l-eccezzjoni tista titqajjem marte proprio mit-Tribunal[2]. F’dan ir-rigward jinghad li fis-sistema guridika taghna *l-inkompetenza hi sollevabbli “ex officio” meta ghar-raguni ta’ materja tal-kawza ma tkunx ta’ kompetenza tat-tribunal adit[3]. Dan ghar-raguni illi l-kompetenza ratione materia hi ta’ ordni pubbliku[4] u din allura lanqas tista’ titwarrab bi ftehim bejn il-partijiet[5].*

---

[2] Ara artikolu 774 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

[3] **Emmanuele Vella v. Raffaela Barbara**, Appell Civili, 31 ta’ Mejju 1957; **Patrick Grixti Soler v. Vincent Sultana**, Appell Civili, 27 ta’ Marzu 1981).

[4] Vol. XXIX pII p468

[5] **Carmelo Degiorgio noe v. George Farrugia**, Appell Civili, 8 ta’ Mejju 1981; **John Spiteri et v. Stephanie Spiteri pro et noe**, Appell Civili Nru. 23/99 deciza mill-Bord li Jirregola l-Kera fit-12 ta’ Dicembru 2001 u kkonfermata mill-Qorti ta’ l-Appell fl-20 ta’ Ottubru 2003, **Sea Services**

3. B’hekk it-Tribunal huwa fid-dmir li *ex officio* jissolleva l-kwistjoni dwar in-nuqqas ta’ gurisdizzjoni tieghu li jisma’ u jiddetermina dan il-kaz, u ghalhekk ghandu jghaddi biex jaghti decizjoni fir-rigward.

4. Illi mill-atti jirrizulta li r-rikorrenti qeghda titlob minghand l-intimata l-hlas tas-somma ta’ €3,500 “*rapprezentanti ammont prelikwidat jew somma ohra verjuri kif jiddeċiedi dan it-Tribunal, bhala hlas dovut lir-rikorrenti ghall-uzu ta’ proprjetà intellettwali tar-rikorrenti mill-intimata, minghajr il-kunsens tar-rikorrenti*” (fol. 2). L-intimata cahdet dak allegat mir-rikorrenti. Dan ifisser, fil-fehma tat-Tribunal, li huwa jrid jiddeċiedi (1) jekk ir-rikorrenti ghandhiex drittijiet ta’ proprjetà intelletwali; (2) f’kaz li r-rikorrenti ghandha dawn id-drittijiet imbaghad it-Tribunal irid jara l-intimata kisrietx dawn id-drittijiet tar-rikorrenti; (3) u f’kaz affermattiv, jghaddi biex jara jekk l-ammont rekalamat mir-rikorrenti huwiex ragjonevoli fic-cirkostanzi tal-kaz.

5. Kif diġà rajna, l-artikolu 3(2) tal-Kap. 380 jistipula li dan it-Tribunal ghandu ġurisdizzjoni jisma u jaqta **biss** it-talbiet kollha ta’ flus (*Money claim*). Din it-Talba odjerna taqa f’din id-definizzjoni ta’ *Money claim*?

6. It-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza minnu moghtija fuq dan il-punt fil-kawza fl-ismijiet **Jean Pierre Farrugia vs Patrick Cachia** deċiża fl-24 ta’ Gunju, 2013. Ghal pratticita sejjer jiccita l-partijiet relevanti ghal kaz odjern minn dik is-sentenza hawn taht. Il-mistoqsija posta f’dik il-kawza kienet **x’inhi l-gurisdizzjoni u kompetenza ta’ dan it-Tribunal?**

7. Nibdew billi naraw li **s-sub-artikolu (2) ta’ l-artikolu 3 tal-Kapitolu 380** li jaqra hekk:

---

**Limited v. Paul Aquilina**, Citaz. Nru. 539/00 deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta’ Dicembru 2001 u **Joe Borg Olivier pro et noe v. Il-Ministru ta’ l-Edukazzjoni, Xoghol u Familja**, Rik. Nru. 79/11, sentenza parzjali moghtija mit-Tribunal ta’ Revizjoni Amministrattiva fis-26 ta’ Settembru 2011.

"(2) Bla ħsara għas-subartikolu (5), it-Tribunal għal Talbiet Żgħar ikollu ġurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux iżjed minn tliet elef u erba' mija u erbgħa u disgħin euro u sitt ċenteżmi (3,494.06):

Iżda fil-kalkolu tas-somma msemmija f'dan is-subartikolu, ma jitqiesux id-drittijiet u l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-istess talba.

(3) (*a*) Jekk l-attur jitlob il-ħlas ta' diversi somom bħala li għandhom jingħataw lilu għall-istess raġuni, il-valur jiġi determinat mill-ammont totali tat-talbiet.

(*b*) Jekk l-attur jitlob il-ħlas ta' diversi somom bħala li għandhom jingħataw lilu għal raġunijiet differenti, il-valur jiġi determinat mill-ogħla somma, irrispettivament mis-somom iżgħar.

(*ċ*) Jekk it-talba tkun għal kapitali u mgħaxijiet, il-valur jiġi determinat mis-somom kapitali kollha flimkien li jkunu qed jiġu mitlubin, u t-Tribunal ikollu ġurisdizzjoni dwar dik it-talba minkejja li s-somom tal-kapital u tal-imgħaxijiet mitlubin ikunu flimkien iġibu iżjed minn tliet elef u erba' mija u erbgħa u disgħin euro u sitt ċenteżmi (3,494.06)."

8. Dan ifisser li **<u>bla hsara ghal dak li jghid is-subartikolu (5) ta' l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 380</u>**, dan it-Tribunal ghandu:

i. jisma' u jaqta' **<u>biss it-talbiet kollha ta' flus</u>** ta' ammont ta' **<u>mhux iżjed</u>** minn tliet elef u erba' mija u erbgħa u disgħin euro u sitt ċenteżmi (€3,494.06), b'dan illi fil-kalkolu tas-somma msemmija f'dan is-subartikolu, ma jitqiesux id-drittijiet u l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-istess talba.

9. Ghar-rigward tal-ammont ta' €3,494.06c imbaghad il-ligi tistipula fis-**sub-artikolu (3) tal-Artikolu 3 tal-Kap. 380** li:

i. Meta jintalab il-hlas ta’ diversi somom bħala li għandhom jingħataw lir-rikorrenti **<u>għall-istess raġuni</u>**, allura l-valur jiġi determinat mill-ammont totali tat-talbiet.

ii. Meta jintalab il-ħlas ta’ diversi somom bħala li għandhom jingħataw lir-rikorrenti **<u>għal raġunijiet differenti</u>**, allura l-valur jiġi determinat mill-ogħla somma, irrispettivament mis-somom iżgħar.

iii. Meta t-talba **<u>tkun għal kapitali u mgħaxijiet</u>**, il-valur jiġi determinat mis-somom kapitali kollha flimkien li jkunu qed jiġu mitlubin, u t-Tribunal ikollu ġurisdizzjoni dwar dik it-talba minkejja li s-somom tal-kapital u tal-imgħaxijiet mitlubin ikunu flimkien iġibu iżjed minn tliet elef u erba’ mija u erbgħa u disgħin euro u sitt ċenteżmi (€3,494.06).

10. U **s-sub-artikolu (5) ta’ l-artikolu 3 ta’ l-imsemmi Kapitolu 380** jaqra hekk:

“Kawzi li fihom jindahlu kwistjonijiet dwar proprjeta ta’ beni immobbli, pizijiet jew jeddijiet ohra mghaqqdin ma’ l-immobbli, ghad li t-talba ma tkunx tiskorri tliet elef u erba’ mija u erbgha u disghin euro u sitt centezmi (€3,494.06), u kawzi ta’ zgumbrament jew tkeccija minn beni immobbli ma jidhlux fil-gurisdizzjoni tat-Tribunal”.

11. Minn qari ta’ dan is-sub-artikolu tal-ligi jirrizulta li t-Tribunal **<u>huwa pprojbit</u>** mil-Ligi mill-jiddeciedi:

i. Kawzi li fihom jindahlu kwistjonijiet dwar proprjeta ta’ beni immobbli;

ii. pizijiet jew jeddijiet ohra mghaqqdin ma’ l-immobbli,

u dan minkejja li t-talba ma tkunx tiskorri €3,494.06; u

iii. kawzi ta’ zgumbrament jew tkeccija minn beni immobbli.

12. U skond **is-subartikolu (2) tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 380** jghid li t-Tribunal **ghandu jissospendi** l-procedimenti quddiemu jekk:

(a) il-parti tattakka t-talba bil-mezz ta' eċċezzjoni, li tinvolvi kwistjoni li taqa' barra mill-ġurisdizzjoni tat-Tribunal; u/jew

(b) ikun hemm pendenti quddiem qorti kompetenti azzjoni, li l-eżitu tagħha jkun jolqot it-talba li t-Tribunal ikollu quddiemu.

13. Hija l-fehma konsiderata ta' dan it-Tribunal, li jekk wiehed jaqra dan l-artikolu tal-ligi u jinterpretah fid-dawl ta' dak li inghad hawn fuq, jirrizulta li t-Tribunal ghandu gurisdizzjoni biex jiddeciedi dawk il-kawzi kollha li ma humiex specifikatament eskluzi mis-sub-artikolu 5 ta' l-artikolu 3 tal-Kapitolu 380, jew minn xi ligi ohra ta' liema xorta hi, u **basta** li dawn il-kawzi, jkunu jitrattaw dwar flus u l-ammont, salv dak li hawn fuq riportat, ma jkunx jeccedi t-€3,494.06c.

14. Issa fil-kaz odjern, biex it-Tribunal ikun jista jiddeċiedi dwar jekk ir-rikorrenti haqqiex jew le li tirreklama l-ammont mitlub fit-Talba minghand l-intimata, huwa bilfors ikollu jiddeċiedi jekk ir-rikorrenti ghandhiex drittijiet ta' proprjeta intellettwali fuq ix-xoghol li hija ghamlet, u jekk l-intimata kisritx dawn id-drittijiet. Oltre dan, ma jirriżultax mill-artikolu 3(5) tal-Kap. 380 li t-Tribunal huwa pprojbit milli jiddeċiedi dawn it-tip ta' każijiet u ghalhekk filwaqt li jikkonferma li huwa ghandu l-gurisdizzjoni mehtiega sabiex jiddeċiedi dan il-kaz, huwa sejjer jghaddi biex jiddeċiedi l-mertu tal-kaz stante li l-partijiet kienu ddikjaraw li ma fadlilhomx aktar provi xi jressqu fuq dan il-kaz.

Ikkunsidra;

15. Mill-provi prodotti jirrizulta li r-rikorrenti llum il-gurnata hija *assistent lecturer* ġewwa l-Universita ta' Malta u tghallem *taxation* u *accounts*. Qalet li bdiet tghallem mall-intimata f'Awwissu, 2008 il-*credit* maghruf bhala F 6. Ziedet tghid li "*jiena biex nipprepara ghal dawn il-lectures li kelli naghti fl-akkademja konvenuta ovvjament kont ghamilt in-noti u kont ghamilt madwar madwar tlieta jew erbgha xhur nahdem fuq dawn in-noti, dawn in-noti kienu xoghol tieghi*" (fol. 13). Stqarret li l-intimata kienet hallsitha tal-*lectures* li hija kienet ghamlet. Qalet ukoll li "*l-akkademja konvenuta riedet thallasni tan-noti tieghi u dan sabiex tkun tista tużahom hi però jiena ma ridtx*" (fol. 13). Dawn in-noti kienu jinkludu l-ligi u eżempji "*... illi jiena hrigt bihom personalment*" (fol. 13). Fi Frar tas-sena 2009 bdiet tghallem *credit* iktar avvanzat maghruf bl-isem ta' P 6. F'Settembru, 2009 bdiet tahdem ma' l-Universita ta' Malta u waqfet tghallem ma' l-intimata. F'Dicembru ta' dik is-sena kien ċemplilha student u talabha sabiex tispjegalu xi haġa ghar-rigward tal-credit F 6 li kienet tghallem ma' l-intimata f'Awwissu, 2008. X'hin dan l-istudent urieha n-noti hija irrejalizzat li parti minn dawn in-noti kienu jinkludu siltiet mit-tezi tal-*masters* taghha kif ukoll min-noti li hija kienet ghamlet ghal-*lectures* li hija kienet tat fl-akkademja intimata bejn Awwissu u Dicembru, 2008. F'Novembru, 2010 hija kienet iltaqghet mar-rapprezentanti ta' l-intimata flimkien mad-difensuri legali u skond ir-rikorrenti "*waqt din il-laqgha Michelle Vassallo Agius ammettiet li kien hemm cioe Pulis ammettiet li kien hemm partijiet min noti li kienu qeghdin jużaw li kienu ikkupjati minn tieghi però dawn ma kinux of value*" (fol. 14). Qalet ukoll li ġiet offruta s-somma ta' €240 izda ma ntlahaqx ftehim u allura kellhom jiġu l-qorti.

Mistoqsija jekk hi kienitx ghaddiet kopja tan-noti taghha kollha lill-intimata, r-rikorrenti qalet li ma tahsibx. Hija qablet ma dak li gie suggerit lilha u cioe li "... *n-notamenti jiena kont naghmilhom bejn lecture u ohra. Kien hemm drabi fejn il-lecture notes bil-PDF lill-akkademja ntimata lejliet il-lecture kont nibza illi sa l-ghada filghodu dawn ma kinux jaslu ghand l-istudenti u allura kont nippreferi li naghmilhom jiena fotokopji u naghmilhom jiena halli b'hekk ikunu waslu ghandhom zgur*" (fol. 42).

B'referenza ghall-email datata 11 ta' Dicembru, 2008, ir-rikorrenti qalet li "*jiena minkejja li hawnhekk tlabt l-ammont ta' elfejn u hames mitt ewro (€2500) ghal preparation of notes bl-ebda mod ma kont qeghda nghid illi l-ownership ta' dawk in-noti jkunu tal-akkademja ntimata. L-ownership jiena dejjem bqajt ninsisti illi jkun tieghi*" (fol. 43).

Ir-rikorrenti stqarret li hija użat diversi ligijiet u affarijiet ohra aċċessibbli ghal pubbliku, fosthom l-OECD model biex ghamlet in-notamenti taghha. Mistoqsija jekk hi kellhiex "*drittijiet ta' awtur fuq il-mudell tal-OECD nghid illi le ma ghandix però l-mod kif prezentajtu l-mudell waqt il-lectures wara li nkun ktibt in-notes nghid illi ghandi. Jiena naċċetta illi l-ligi u l-mudell tal-OECD huwa ta' kulhadd*" (fol. 43).

Tistqar ukoll li fin-notamenti taghha ġieli kien ikun hemm żball ta' kitba (*spelling mistake*) u fin-notamenti li l-intimata ghaddiet lill-istudenti ghal kors ta' wara li kienet ghallmet hi, kien hemm l-istess żbalji. Dan ghar-rikorrenti jfisser li "*... huma kkuppjaw dak li kont tajthom jiena*" (fol. 43). Qalet li "*l-persuni li ghamel in-noti warajja bbenefika minn dak ix-xoghol tieghi u jiena nippretendi l-hlas ta' dan ix-xoghol anke fejn ikkopja l-ligi*" (fol. 43). Dan peress li hi tkun daret il-ligi u użat il-partijiet relevanti taghha ghall-istudenti. Minn "*gie warajja rega uza l-istess artikolu li nkun uzajt jiena fin-notamenti tieghi u allura sab ix-xoghol lest jiena ta' dan nippretendi l-hlas*" (fol. 44).

B'referenza ghat-tezi taghha ta' l-MA hija qalet li kien hemm xi partijiet li gew ikkupjati mill-intimata fin-notamenti li dawn ghaddew lill-istudenti. Fosthom issemmi *diagram* li ittiehed mit-tezi taghha u li gie imsemmi fin-notamenti. Qalet li l-uniku haġa differenti bejn it-tnejn huwa li fin-notamenti ta' l-intimata u d-diagram taghha hija l-kelma "*illicit*".

Mistoqsija tispjega kif fl-2008 hija kienet talbet is-somma ta' €2,500 ghal preparamenti tan-noti taghha imbaghad talbet is-somma ta' €375 bhala kumpens ghad-

distribuzzjoni tan-noti taghha minghajr il-kunsens taghha fl-ittra li hija baghtet lill-intimata fil-5 ta’ Marzu, 2010 (fol. 7), hija qalet, b’referenza ghall-ahhar ċifra ta’ €375 li kienet qeghda titlob dan l-ammont ghal kull student li uza n-noti taghha. B’referenza ghall-ammont mitlub fil-proceduri odjerni u cioe l-ammont ta’ €3,500 bhala hlas ghall-uzu ta’ proprjetà intellettwali mill-akkademja intimata, hija qalet li “*... dawn in-notamenti tieghi ntużaw iktar minn darba, li kieku ntużaw darba kont naċċetta s-somma ta’ elfejn u hames mija (2500) pero dawn intużaw iktar u ghalhekk qed nippretendi iktar*” (fol. 45).

Ir-rikorrenti qablet mal-fatt li l-ligijiet tat-taxxa jitbiddlu kontinwament u li minn meta kitbet in-noti hi sa meta harget in-noti l-akkademja kien hemm tibdil fil-ligi.

Ir-rikorrenti ghaddiet biex tesebixxi faxxiklu bin-notamenti taghha u kopja tan-notamenti maghmulin mill-*lecturers* ta’ warajha u dan sabiex turi li kien hemm ksur tad-drittijiet ta’ l-awtur taghha.

16. **Michelle Vassallo Pulis**, xehdet bil-procedura ta’ l-affidavit. Hija qalet li hija d-direttur maniġerjali tal-akkademja intimata sa minn Gunju 2008. Xoghol l-akkademja “*... jikkonsisti fit-taghlim privat ta’ suġġetti li jwasslu lill-istudenti ghac-certifikat tal-ACCA*” (fol. 16). Ziedet tghid li qabel ma bdiet il-*lectures* taghha r-rikorrenti, hija kienet iltaqghet maghha diversi drabi u dan sabiex tiggwidaha kif ghandha tikteb in-noti skond is-sillabu tal-ACCA. Ziedet tghid li ghal bidu, r-rikorrenti kienet tibghatilhom in-noti permezz ta’ email f’format ta’ pdf sabiex jistampawhom huma u jghadduhom lill-istudenti qabel kull *lecture* iżda mbaghad maz-zmien, hija bdiet taghmel il-fotokpji hi u l-intimata kienet irrifondieta ta’ dawn l-ispejjez u hallset is-somma ta’ €236.49c.

Fil-11 ta’ Dicembru, 2008, tkompli tghid ix-xhud, ir-rikorrentikienet baghtet kont lill-intimata ghas-sittin (60) siegha *lectures* li kienet ghamlet. Hija thallset €40 ghal kull siegha li ghamlet. Qalet ukoll li fil-11 ta’ Dicembru, 2008 ir-rikorrenti kienet baghtitilha email (fol. 20) fejn infurmatha li kienet qeghda tippretendi s-somma ta’

€2,500 ghall-preparamenti tan-noti li intużaw waqt il-*lectures* li hija kienet ghamlet. Indikat ukoll il-hlas li kienet qeghda tippretendi ghas-sieghat li hija ghamlet tghallem is-suggett li ghalih kienet ġiet ingaggata mall-intimata. Ix-xhud tghid li hija kienet qaltilha li "*... l-Akkademja thallasha dan l-ammont eżatt kif tghaddilna is-set kollu tan-noti f'word format*" (fol. 16). Ir-rikorrenit però, kompliet tghid ix-xhud, kienet infurmathom mal-ewwel li hija kienet ser iżomm is-set tan-noti u ghalhekk l-intimata hallsitha tal-*lectures* li hija kienet tat u ghall-fotokopji li kienet ghamlet. Ghal *lectures* ir-rikorrenti thallset is-somma ta' €2,400.

Lejn l-ahhar ta' Dicembru, 2008 hija ġiet infurmata mir-rikorrenti li minhabba raġunijiet ta' sahha hija ma kientx ser tkun f'posizzjoni li tghallem is-suggett tat-taxxa fi Frar 2009. Minhabba f'hekk l-Akkademja kellha issib lil haddiehor biex jghallem dan is-suggett. Peress li ma tantx kien hemm żmien sabiex din il-persuna u cioe Franco Falzon ikun jista jilhaq jipprepara n-noti ghall-*lectures* li kienu ser jibdew fi Frar, 2009 huwa kien talab l-ghajnuna ta' l-ufficju taghha sabiex jiktbu l-istess noti. Qalet li "*meta konna qed niddiskutu n-noti, konna urejnieh printout (minhabba li ma kellniex soft copy) tan-noti ta' Carmel Said Formosa sabiex jiehu ideja iktar cara ta' kif kellhom jiġu strutturati n-noti skond is-sillabu ta' l-ACCA*" (fol. 17). Fil-fatt dan il-persuna, bl-ghajnuna ta' addetta tal-intimata Ruth Azzopardi lesta dawn in-noti, thallas taghhom u l-istess noti saru proprjetà ta' l-intimata. Dawn in-noti regghu gew riveduti ghas-sezzjoni ta' Dicembru 2009 peress li kien hemm emendi fil-ligi tat-taxxa.

Matul l-2009, tkompli tghid ix-xhud, r-rikorrenti kienet irritornat lura tahdem mall-intimata bhala lecturer u kienet qeghda tghallem il-credit P 6 Advanced Tax. Qalet li minkejja li ma kienx hemm qbil dwar il-hlas tan-noti taghha ghas-suggett li hija ghallmet f'Awwissu, 2008, l-istess rikorrenti ma kellha ebda problema biex terga tiġi tahdem ma' l-Akkademja intimata.

Dwar il-laqgha li kienet saret bejn il-partijiet, ftit wara li intbaghtet l-ittra tal-11 ta' Ottubru, 2010 mid-difensur ta' l-intimata lid-difensur tar-rikorrenti, ix-xhud tghid li din il-

laqgha kienet damet biss ftit minuti. Waqt din il-laqgha kienet saret proposta da parti ta' l-intimata bhala sinjal ta' *goodwill* ghax-xoghol li kienet ghamlet ir-rikorrenti meta hija kienet kitbet dawn in-noti ghas-sessjoni li kienet ghallmet. L-intimata offriet is-somma ta' €500. Ir-rikorrenti irrifjutat din l-offerta iżda minkejja dan, id-difensur taghha ta' dak iz-zmien talab ftit taz-zmien sabiex jiddiskuti din il-proposta mar-rikorrenti u jibghatilhom proposta bil-miktub. Gara però li l-intimata irċeviet l-avviz odjern. Ix-xhud stqarret li minkejja din l-offerta, l-intimata ma ghandha taghti xejn lir-rikorrenti u dan peress li hija kienet thallset tal-lezzjonijiet li kienet ghamlet.

Ghalqet l-affidavit taghha billi sostniet li is-sillabu tat-taxxa tal-credit F 6 jigi emendat kull sena u peress li dan is-suggett huwa bbazzat hafna fuq il-provvedimenti tal-ligi u avviżi legali li dejjem jiġu emendati allura s-suggett jiġi emendat b'mod estensiv minn sena ghal ohra. Stqarret li "*In-noti ta' Carmel Said Formosa qatt ma intużaw bhala bażi ghal xi kors meta ma ghalmitx hi u hi ghallmet darba wahda biss dak is-suggett*" (fol. 18). Qalet li "*Ta' dik id-darba, l-Akkademja sal-lum, la qatt kellha u lanqas ghandha soft copy ta' dawk in-noti taghha, li użat ghall-lectures u lanqas qatt ma ghamlet xi fotokopji taghhom ghall-istudenti futuri*" (fol. 18). Il-kors li segwa dak tar-rikorrenti intużaw noti ġodda li l-intimata hallset ghalihom lil Franco Falzon.
In kontro-ezami, x-xhud qalet li hi kienet ftehmet mar-rikorrenti, ghan-nom ta' l-intimata, li malli r-rikorrenti "*... tlesti n-noti ahna nhallsuha taghhom u dawk in-noti ssiru proprjetà ta' l-akkademja*" (fol. 29). Il-ftehim kien li hi tithallas €20 ghal kull siegha xoghol li taghmel fuq dawn in-noti. Qalet li "*ahna konna qbilna illi nhallsu l-ammont mitlub mir-rikorrenti ta' elfejn u hames mija però konna qeghdin nghidulha sabiex thallas dak l-ammont cioe sabiex ahna nhallsu dak l-ammont hi kellha taghtina n-notes. Ahna ma sibna l-ebda problema dwar dan*" (fol. 29). Qalet illi hekk kif appena dawn in-noti kienu jinghataw lilhom u huma jhallsu taghhom allura dawn jiġu proprjetà esklussiva taghhom u setghu jaghmlu li jridu bihom. Dawn in-notamenti llum ma huma ta' ebda rilevanza u dan

minhabba t-tibdiliet li jkun hemm ta’ kull sena fil-ligi dwar is-suggett li kienet qeghda tghallem ir-rikorrenti.

17. **Josef Mercieca**, xehed ukoll bil-procedura ta’ l-affidavit. Huwa qal li jghallem is-suggett tat-taxxa F 6 u P 6 mall-intimata sa minn Dicembru, 2009. Qal li huwa kien dahal flok Franco Falzon peress li dan ta’ l-ahhar kellu jsiefer. Dan Falzon kien baghtlu n-noti li kien hejja hu sabiex ikun jista jipprepara ghall-*lectures*. Fis-snin 2010, 2011 u 2012 kien ghamel tibdiliet sostanzjali ghal dawn in-noti ta’ Falzon minhabba t-tibdiliet fis-sillabu. Huwa qal li n-noti żdiedu b’madwar 40/50 faccata u li dawn iz-zidiet huma kollha ġodda u ma jikkontjenux noti tar-rikorrenti. Dan anke minhabba l-fatt li l-ligi f’dan il-qasam kontinwament tinbidel.

Ix-xhud qal li huwa ilu sena wara l-ohra jżid fuq in-noti li kien ghaddielu Franco Falzon u li “*... kieku student kellu juża n-noti li kien hemm fl-elfejn u disgha (2009) u kellu jistudjhom illum u jaghmel l-eżami llum nassigurak illi huwa kien jehel mill-ezami*” (fol. 54). Kien anke biddel il-kuncetti bażiċi tas-suggett. Ghal dawn l-*updates* li kien jaghmel, huwa kien jithallas mill-intimata. Ghar-rigward ta’ l-istruttura tan-notamenti, dawn baqghu l-istess mill-2009 u cioe minn meta kien ghaddielu n-noti Franco Falzon. Kull ma tbiddel kien il-kontenut li huwa totalment differenti minn kif kien dakinhar.

18. **Ruth Azzopardi** qalet li ilha tahdem bhala segretarja amministrattiva mal-intimata sa minn Jannar, 2009. Qalet li hekk kif appena bdiet tahdem ma’ l-intimata hija kienet ġiet assenjata l-inkarigu li tghin lil Franco Falzon fil-preparamenti tan-noti ghas-suggett li huwa kellhu jibda jghallem fi Frar ta’ dik is-sena. Ikkonfermat li meta hi u l-imsemmi Franco Falzon kitbu n-noti l-godda ghal kors, huma ma kienux użaw in-noti tar-rikorrenti. Dawn in-noti kien jaghtihomlha Franco Falzon u hi kienet tikkupjahom. Fil-kontro-ezami hija tghid li Falzon kien jaghtiha n-noti bil-miktub u hja kienet tittajphom (fol. 35). Hija qalet li n-noti li kien uza Franco Falzon ma kienux l-istess bhal dawk tar-rikorrenti u li dan setghet tghidu peress li “*... kont rajt kopja tan-noti maghmula minn*

*Carmel Said Formosa*" (fol. 26). Mistoqsija in kontro-ezami minn fejn kien gab in-notamenti Franco Falzon li huwa kien qieghed jghaddilha biex tittajpahom, ix-xhud qalet li "*... ma nafx minn fejn ġabhom Franco Falzon*" (fol. 35). Qalet ukoll li "*jiena meta kont qeghda naghmel in-notamenti ta' Franco Falzon ma stajtx inkun naf li n-notamenti ta' Carmel u cioe tar-rikorrenti huma l-istess ghaliex is-suggett jiena mbaghad kont studjajtu f'Dicembru ta' dik is-sena u l-file minghand il-habiba tieghi kont rajtu wara*" (fol. 35).

19. **Franco Falzon** xehed fis-seduta tal-25 ta' Ottubru, 2012 u qal li huwa *certified public accountant*. Huwa qal li lejn l-ahhar tas-sena 2008 huwa kien gie avvicinat mill-intimata sabiex jaghti xi lectures fuq it-taxxa. L-intimata kienet ghaddietlu set noti u kellu jivverifikahom u jirranġa fejn dawn ma kienux korretti (fol. 39). Qal li ma jidhirlux li kellu jaghmilhom mill-gdid però "*... meta dhalt fihom u rajthom li kien proċess mhux hazin spiċċajt li biddilt hafna affarijiet li kienu bhala explanations*" (fol. 39). Dawn in-noti li kienu inghatawlu mill-intimata kienu jikkonsistu mit-test (kliem) tal-ligi, it-test ta' kotba ohra, eżempji u spjegazzjonijiet. Meta huwa lesta l-emendi tieghu ghal istess, ikompli jghid ix-xhud "*... ftit kienu l-istess in-noti li kienu ghaddewli r-Richard Clarke Academy*" (fol. 39). Ta' dawn in-notamenti huwa thallas.

Ikkunsidra ulterjorment;

20. Nibdew billi naraw x'tghid il-ligi fuq proprjetà intellettwali. L-Att XX ta' l-2006 li gab fis-sehh l-Att li Jirregola l-Infurzar ta' Drittijiet ta' Proprjeta Intelletwali (Kap. 488) jipprovdi fl-artikolu 2 illi **drittijiet ta' proprjetà intellettwali** tfisser "*dawk id-drittijiet li jiġu mogħtijin taħt l-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur, l-Att dwar it-Trademarks u l-Att dwar il-Privattivi Industrijali u d-Disinni, jew kull liġi oħra li tista' minn żmien għal żmien tidħol minflokhom u "liġijiet rilevanti" għandha titfisser bl-istess mod*".

21. Imbaghad insibu fl-Artikolu 2 ta' Att dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur (Kap. 415) li l-kliem **drittijiet ta' awtur**, ifisser "*drittijiet tal-awtur skont dan l-Att*". **Awtur**, skond dan l-

artikolu 2 ta’ dan l-Att ifisser “*il-persuna naturali jew grupp ta’ persuni naturali li jkunu ħolqu x-xogħol eliġġibbli għad-dritt tal-awtur iżda fil-każ ta’ xogħol awdjoviżiv tinkludi lid-direttur prinċipali iżda teskludi lill-produttur tal-ewwel fissazzjoni tax-xogħol awdjoviżiv*”.

22. **Xoghol letterarju** jfisser, skond l-artikolu 2 tal-Kap. 415, “*irrispettivament mill-kwalità letterarja, kull wieħed minn dawn li ġejjin, jew xogħlijiet simili għalihom… (ċ) kotba ta’ test, trattati, storja, bijografiji, essays u artikoli; u (e) ittri, rapporti u memoranda … iżda salv kif provdut fl-artikolu 12 tal-Att tal-1980 dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutarji, ma tinkludi ebda liġi miktuba, rapport ta’ kawzi jew deċiżjoni ġudizzjarja*”. Xoghol letterarju huwa eligibbli ghad-drittijiet ta’ l-awtur. Is-subartikolu (2) ta’ l-Artikolu 3 tal-Kap. 415 jghid li “*xogħol letterarju, mużikali jew artistiku ma jkununx eliġibbli għad-drittijiet tal-awtur kemm-il darba x-xogħol ma jkollux kwalità oriġinali u ma jkunx inkiteb, ġie reġistrat, iffissat jew xort’oħra mogħti forma materjali. Barra minn hekk, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur m’għandhiex testendi għal ideat, proċeduri, metodi ta’ tħaddim jew kunċetti matematiċi bħal dawk*[6]”. Ma huwiex kontestat li r-rikorrenti kienet ċittadina ta’ Malta fiz-zmien meta sar dan ix-xoghol minnha u allura a tenur tas-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 4 tal-Kap. 415 hija ghandha d-drittijiet ta’ l-awtur fuq ix-xoghol taghha, dejjem fil-limitazzjonijiet li tghid il-ligi u l-Kapitolu 415 tal-Ligijiet ta’ Malta.

23. L-artikolu 11(1) tal-Kap. 415 jghid li

**11.** (1) Id-drittijiet tal-awtur mogħtija bl-artikoli 4, 5 u 6 ikunu inizjalment tal-awtur jew tal-ko-awturi:

---

[6] (2) A literary, musical, or artistic work shall not be eligible for copyright unless the work has an original character and it has been written down, recorded, fixed or otherwise reduced to material form. Furthermore, copyright protection shall not extend to ideas, procedures, methods of operations or mathematical concepts as such.

Iżda fil-każ ta’ programmi għall-*computers* u *databases* fejn xogħol isir filwaqt li l-awtur ikun impjegat, fl-eżekuzzjoni ta’ dmirijietu jew fuq struzzjonijiet li jingħatawlu mill-prinċipal tiegħu, id-drittijiet ekonomiċi mogħtija bid-drittijiet tal-awtur għandhom jitqiesu bħala li jkunu trasferiti għalgħand il-prinċipal tal-awtur, bla ħsara għal kull ftehim bejn il-partijiet li jkun jeskludi jew jillimita trasferiment bħal dak. Għar-rigward ta’ xogħlijiet oħra eliġġibbli għad-drittijiet tal-awtur, f’dawk iċ-ċirkostanzi, bla ħsara għal kull ftehim għall-kuntrarju bejn il-partijiet, id-drittijiet tal-awtur għandhom dejjem ikunu fl-awtur jew fil-ko-awturi.

24. Fil-kaz odjern, ir-rikorrenti qeghda titlob hlas ta’ €3,494.06 u dan “*... ghall-uzu ta’ proprjetà intellettwali tar-rikorrenti mill-intimata, minghajr il-kunsens tar-rikorrenti*” (fol. 2). Dan ifisser li r-rikorrenti ma hijiex titlob il-hlas ghal dawn in-noti li hija ghamlet ghall-intimata.

25. It-Tribunal huwa sodisfatt ukoll li n-noti maghmulin mir-rikorrenti huma protetti mill-ligi u jaghtuha drittijiet ta’ l-awtur fuq l-istess. Huwa eżamina l-faxxikolu li r-rikorrenti esebiet permezz tan-nota taghha datata 20 ta’ Gunju, 2012 u jista jasal ghal konklużjoni li l-istruttura tan-noti li ghamlet l-akkademja intimata hija l-istess bhal dik li kienet ghamlet ir-rikorrenti. Dan kif anke ammess minn Josef Mercieca fid-deposizzjoni tieghu tat-30 ta’ April, 2013 meta qal li “*nerġa nghid illi bhala struttura tan-notamenti din baqghet l-istess*” (fol. 54-55). Hemm ukoll eżempji li huma identiċi kif ukoll hemm xi żewġ żbalji fin-noti tar-rikorrenti li jinstabu ukoll fin-noti ta’ l-akkademja. Ghar-rigward tal-kontenut tal-ligi, dan ovvjament ma baqax l-istess l-ghaliex kif inhu risaput, il-ligi fil-kamp fiskali kontinwament tevolvi u titbiddel. Li hemm differenza bejn in-noti tal-akkademja intimata u dawk tar-rikorrenti huma li in-noti ta’ l-akkademja huma aktar dettaljati minn dawk tar-rikorrenti u dan speċjalment ghal fejn jidhlu r-referenzi minn fejn ikunu ittiehdu ċertu kwotazzjonijiet. Illi ghalhekk, kollox ma kollox it-Tribunal huwa sodisfatt li n-noti tar-rikorrenti gew użati mill-intimata a benefiċċju taghha, ghalkemm kif inghad, l-kontenut ta’ liġi u xi partijiet ohra llum il-gurnata huma totalment differenti minn dawk li

kienet ghamlet ir-rikorrenti. It-Tribunal qabel ma wasal ghal din il-konkluzzjoni eżamina u applika l-principji msemmija fis-sentenzi **Dr. Louis Cassar Pullicino noe vs NCT International Trading Limited** deċiża mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fit-3 ta’ Dicembru, 2010 u **Yellow Pages (Malta) Limited vs Jurgen Neumann et** deċiża mill-Onorabbli Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta’ Marzu, 2011 per Onor. Imh. Dr. C. Farrugia Sacco citati mill-abbli difensur ta’ l-intimata waqt it-trattazzjoni ta’ dan il-kaz.

26. Ra ukoll ix-xhieda li inghatat f’dawn il-proceduri u qieghed jasal ghal konklużjoni permezz ta’ din is-sentenza li r-rikorrenti haqqa kumpens, talli l-intimata, tramite persuni ngaġġati minnha, użat l-idea taghha, senjatament l-istruttura tan-noti taghha u eżempji minnha maghmula fihom, u qieghed jillikwida kumpens b’mod arbitrio boni viri fl-ammont ta’ elf u mitejn euro (€1,200).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi:

1. Jiddikjara li huwa ghandu l-gurisdizzjoni mehtiega sabiex jisma u jiddeċiedi dan il-kaz;

2. Qieghed jichad l-eccezzjonijiet kollha mqanqla mill-intimata kull fejn dawn huma inkompatibbli ma dak li inghad hawn fuq; u

3. Konsegwentement jilqa t-talba tar-rikorrenti in parte u jikkundanna lill-intimata thallas lir-rikorrenti s-somma ta’ elf u mitejn euro [€1,200] bl-imghaxijiet legali jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mid-data ta’ din is-sentenza.

L-ispejjez ghandhom ikunu kollha a karigu ta’ l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------